# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.

**Kawża Nru: 267/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Pierre (Gaspare Pierre) Cutajar**
**(ID 35662(M))**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Pierre (Gaspare Pierre) Cutajar ta' 48 sena, iben Dominic u Odette xebba Giacosa, imwieled Cospicua nhar is-27 ta' Diċembru 1961 u residenti No. 314, Zanadu, Triq is-Salini, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 35662(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-30 ta' Jannar 2009 u fix-xhur ta' qabel:

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) U fl-aħħarnett talli b'hekk irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija minn qrati diversi ġewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi mressqa f'dan il-każ sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-30 ta' Jannar 2009, għall-ħabta tal-10:00 p.m., fuq skorta ta' mandat maħruġ fil-konfront ta' 'Zanadu Bar', ġewwa Marsaskala, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga għamlu tfittxija fl-imsemmi *bar*, fejn sabu lill-imputat odjern, fost persuni oħrajn. Waqt din it-tfittxija, wara l-bank tal-*bar*, ħdejn il-*cash register* instabet tazza tal-ġablow bajda, li kien fiha ħames biċċiet raża tal-*cannabis*, liema sustanzi ġew elevati minn WPC 237 Antonella Vella. L-istess **WPC 237 Antonella Vella** tgħid illi din it-tazza kienet qegħda bejn il-*cash register* u l-bank, b'tali mod li ma kinitx viżibbli għal min imur jinqeda mal-bank tal-*bar*. **PC 1250 Paul Saliba** li wkoll kien preżenti għat-tfittxija jgħid illi t-tazza bis-sustanzi kienet "*pjuttost wara l-cash register*".[1] Dak il-ħin fil-*bar* kien hemm l-imputat u l-*partner* tiegħu. Saret tfittxija wkoll fuq il-persuna ta' ċertu Christopher Marsh, li wkoll kien preżenti fil-*bar*, minn **PC 1183 Oliver Borg**, waqt liema tfittxija nstabet landa tal-ħadid li fiha kien hemm tliet biċċiet *cannabis* u riżla. Kemm l-imputat odjern, kif ukoll Marsh ġew arrestati mill-pulizija.[2] L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-1 ta' Frar 2009.[3] L-Uffiċjal Prosekutur ossia **l-Ispettur Victor Aquilina** esebixxa *mobile phone* tal-għamla Nokia, is-sustanza u żewġ pakketti tal-karti tal-brim li nstabu fil-pussess tal-imputat.

---

[1] A fol. 26 tal-proċess.

[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina, a fol. 10 sa 12 tal-proċess; ix-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 21 u 22 tal-proċess; ix-xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella, a fol. 23 sa 25 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1250, a fol. 26 u 27 tal-proċess u x-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg, a fol. 28 sa 29 tal-proċess.

[3] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 13 u 14 tal-proċess.

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex jeżamina u jirrelata dwar Dokument VA 3 esebit mill-Ispettur Aquilina bħala li jikkontjeni s-sustanza u l-karti tal-brim li nstabu fil-pussess tal-imputat, jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu u ċioe` *envelope* kannella mmarkat bħala S/B/250/2012 DOK VA3 li fih: i) borża tal-plastik trasparenti mmarkata bħala DOK VA3 li fiha karta bil-kliem 'Data 30-1-09 Hin 10:00pm Elevat/i minn wara il-bar wara il-cash minn ġo tazza tal-plastik fil-presenza ta' Rosaria Galea (girlfriend) minn PC1250, WPC237 ii) tazza tal-plastik ta' lewn bajda magħfġa iii) 2 pakketti *cigarette papers* iv) *aluminium foil* u biċċiet tal-plastik u v) sustanzi ta' lewn kannella.

L-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti dwar dan id-dokument:

a) Illi fl-estratt meħud mis-sustanzi ta' lewn kannella nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piż total tas-sustanzi kien ta' 24.63 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 8.0%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-imputat** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Fl-ewwel lok huwa kkonferma l-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija nhar it-30 ta' Jannar 2009, li fiha huwa kien stqarr illi kien jaħdem fil-ħanut tiegħu 'Zanadu Bar & Restaurant' u li kien huwa stess li jmexxi dan il-*bar*. Fl-istqarrija huwa kkonferma s-sejba tas-sustanza in kwistjoni wara l-bank tal-*bar* u li din kienet tiegħu. Jgħid ukoll illi huwa jgħix fl-istess indirizz u mistoqsi kif allura ma ħalliex id-droga fil-kamra li għandu fuq ġewwa minflok wara l-bank minn fejn kien jaqdi n-nies, huwa jgħid illi ħaseb li hemmhekk kien l-iżjed post sigur. Wara l-bank kien idaħħal biss lit-tfajla tiegħu Rosette. Innega li qiegħed ir-raża wara l-bank biex ikun iżjed faċli għalih li jbiegħha, jiċħad li qatt biegħ droga u jiċħad ukoll illi huwa kien biegħ id-droga lil Marsh. Jgħid illi huwa xtara d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu bil-prezz ta' €100 mingħand Taljan. Għall-ħabta tal-Milied kienu marru tliet persuni jieħdu *drink* u sussegwentement, bdew imorru għandu kuljum. Darba minnhom kien mar wieħed minnhom, huwa qallu bil-problema li kellu u dan mar darb'oħra u wrieh ħames biċċiet raża tal-*cannabis* u offrihomlu għal €100. Huwa ħallsu u ma rahomx iżjed fil-ħanut. Jgħid ukoll illi wara s-1.00 a.m., meta jkun għalaq il-ħanut u jkollu biss xi erba' persuni li jkunu qed jieħdu l-aħħar *drink*, ġieli pejjpu xi *joint*. Dwar il-konsum tiegħu tar-raża, huwa jgħid illi l-ewwel darba li uża r-raża kellu madwar sittax-il sena, li ma jieħux ta' spiss, iżda fl-aħħar xahar żied il-konsum stante li kien qata' x-xorb. Qabel ġieli ħallas Lm10 għaliha u ġieli anqas. Qatt ma ħa droga oħra barra l-*cannabis*.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, imbagħad, l-imputat jgħid illi fiż-żmien tal-każ odjern, huwa kien jgħix fil-ħanut. Fil-ħanut kien hemm il-*bar area* kif tidħol, minnha tidħol f'kamra speċi ta' *games room* li fiha kien hemm kaxxa tas-sigaretti, kċina, bitħa u *toilets* fil-ġenb li kienu jinsabu bejn il-kamra tal-*bar* u l-kċina. Jgħid ukoll illi wara l-bank tal-*bar* kien jidħol hu biss u ma kienx iħalli nies jidħlu hemmhekk għaliex kellu x-xorb u l-affarijiet tiegħu. Jgħid ukoll illi kienet tidħol Rosette. It-*toilets* kien jużahom kulħadd. Jispjega b'referenza għal dak li kien qal fl-istqarrija tiegħu, fis-sens illi kien aktar sigur li jpoġġi d-droga wara l-bank, illi hemmhekk kellu l-flus, kien iqiegħed il-kartieri u li kien jagħmel kollox hemm għaliex l-iżjed li kien joqgħod għassa kien tal-bank. Jgħid ukoll illi huwa ma kellux kamra tas-sodda fil-fond, għalkemm kien jgħix hemmhekk, iżda kien jorqod fuq sufan u li l-inħawi kollha tal-ħanut, inkluż il-bitħa, kienu aċċessibbli għall-pubbliku. Jgħid illi dak iż-żmien kien jikkonsma d-droga minn filgħodu, f'nofsinhar u anke filgħaxija, għax ma kienx qed jixrob. Jgħid li ħadd qatt ma avviċinah biex jixtri d-droga mingħandu u qatt ma biegħ droga. Jgħid ukoll illi d-droga kienet taħt nett wara l-*cash register* u għalhekk f'post fejn ħadd ma seta' jmissha. Fiż-żmien tax-xhieda tiegħu, kien ilu tliet snin ma jmiss il-*cannabis*.[4]

Xehdet ukoll **Rosaria Galea**, il-*partner* tal-imputat u li miegħu għandha tifel, li tgħid illi ġieli kienet tmur il-*bar* fil-*weekends*, l-iżjed fis-Sajf, biex iżżomm kumpanija lill-imputat. Tgħid illi taf li kellu problema, li kien ipejjep "*haxixa nahseb*" u li kien ilu tliet snin li għeleb din il-problema. Ma tafx kemm kien ipejjep għaliex fejn kien jista' ma kienx juriha. Tgħid ukoll illi l-imputat kien jgħidilha li ma ried lil ħadd wara l-*bar*, lanqas lit-tifel.[5]

**Dimitri Giannakoudakis** ossia n-neputi tal-imputat jgħid illi huwa ta' spiss kien imur jgħin lil zijuh fil-ħanut, għalkemm mhux kuljum u li kien imur jixrob hemm ukoll. Jgħid illi kien jaf li l-imputat kien ipejjep il-ħaxixa għaliex ġieli kien jarah għalkemm l-imputat ma kienx jagħmilha ovvja u li per eżempju, zijuh ġieli kien joħroġ ipejjep sigarett fil-bitħa u hu kien ixomm ir-riħa tal-ħaxixa. Jgħid ukoll illi meta kien ikun il-ħanut, huwa qatt ma ra lil zijuh ibiegħ id-droga jew jipprova jagħti minnha lil ħaddieħor.[6]

Xehed ukoll **Chris Marsh** li jgħid illi huwa kien ilu jaf lill-imputat bħala *barman* bejn għaxar snin u tnax-il sena, li huwa kien regolarment imur jieħu *drink* ġewwa 'Zanadu Bar', Wied il-Għajn, li kien imur tliet darbiet fil-ġimgħa u ma kienx jaf jekk

---

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 46 sa 53 tal-proċess.
[5] A fol. 55 sa 58 tal-proċess.
[6] A fol. 68 sa 71 tal-proċess.

l-imputat jieħux droga. Qatt ma ra lil xi ħadd jipprova jixtri d-droga mingħand l-imputat jew lill-imputat jipprova jbiegħha.[7]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis*. M'hemmx dubbju illi jirriżulta ampjament illi fil-jum in kwistjoni, fil-*bar* immexxi mill-imputat, wara l-*cash register* fil-bank tal-istess *bar*, instabet sustanza li, mill-analiżi tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, tirriżulta illi kienet raża tal-*cannabis*, f'piż ta' 24.63 grammi. Lanqas ma hemm dubbju illi din is-sustanza kienet fil-pussess tal-imputat, li jammetti dan kemm fl-istqarrija rilaxxjata *a tempo vergine* u kkonfermatha minnu fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, kif ukoll f'din ix-xhieda tiegħu.

Kif anke jirriżulta mit-trattazzjoni finali tad-difiża, dak li qed jikkontesta l-imputat m'huwiex il-pussess tal-istess sustanza, iżda l-pussess aggravat tal-istess ossia illi r-raża tal-*cannabis* hekk misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda biex tikkunsidra l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat; ammont li fil-fehma tagħha minkejja li m'huwiex tali li normalment wieħed jassoċjah ma' użu personali da parti tal-pussessur, mill-banda l-oħra lanqas ma huwa xi ammont tant kbir ta' droga. Tqis ukoll illi sa mill-bidu nett, ftit tal-ħin wara l-arrest tiegħu, l-imputat stqarr illi huwa kien jagħmel użu mill-*cannabis* u illi fiż-żmien tal-każ odjern, kien żied fil-konsum stante illi kien qata' x-xorb. Li l-imputat kien jagħmel użu mill-*cannabis* jirriżulta wkoll mix-xhieda tas-sieħba tiegħu Rosette Galea, kif ukoll tan-neputi tiegħu, u anke mis-sejba tal-karti tal-brim fil-pussess tal-imputat, li jindikaw użu ta' droga *cannabis*. Tqis in oltre illi għalkemm huwa minnu wkoll illi ma jirriżultax f'hiex kien jikkonsisti eżattament dan il-konsum da parti tal-imputat, mill-banda l-oħra lanqas ma jirriżultaw provi, fil-grad rikjest mil-liġi, li jistgħu jwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi li l-pussess tad-droga ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Għalkemm huwa minnu illi d-droga nstabet wara l-*cash register* fil-bank tal-*bar,* bir-riżultat illi dan iqajjem suspett illi din kienet intiża għal spaċċ lil terzi, biss jirriżulta wkoll illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kien jgħix u jorqod fl-istess *bar* u li ma kellux kamra tas-sodda hemmhekk, iżda kien kien jorqod fuq sufan. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-istess imputat, mhux kontradetta, illi l-inħawi tal-*bar* kienu lkoll aċċessibbli għall-pubbliku u għalhekk m'hemm xejn inverosimili fil-verżjoni tal-imputat illi huwa kien iqiegħed il-*cannabis* wara l-*cash register* fil-bank tal-*bar* għaliex kien iqis li dan kien l-iktar

[7] A fol. 75 sa 78 tal-proċess.

post sigur, fejn wara kollox kien iżomm ukoll ix-xorb u l-flus. Lanqas ma tirriżulta xi ċirkostanza jew prova oħra li tista' twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi d-droga kienet intiża għal spaċċ lil terzi. Għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet il-*mobile phone* tal-imputat, baqgħet ma talbitx li jsir analiżi tiegħu u in oltre għalkemm skont ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, Christopher Marsh, li xehed ukoll f'dawn il-proċeduri, fl-istess jum instab fil-pussess ta' sustanza suspettata raża tal-*cannabis* fl-istess *bar,* la tirriżulta l-prova li din is-sustanza kienet verament raża u wisq inqas jirriżulta illi dan ottjeniha mingħand l-imputat odjern. In oltre għalkemm fl-istqarrija tiegħu, kif ikkonfermatha minnu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jgħid illi ġieli pejjpu *joint* wara li jkun għalaq il-ħanut, meta jkollu biss xi erba' persuni qed jixorbu l-aħħar *drink*, lanqas ma jirriżulta illi huwa kien jaqsam mid-droga tiegħu ma' terzi persuni, jew li kien jipprokuralhom id-droga. F'dan ir-rigward, anke l-Uffiċjal Prosekutur jgħid hekk fix-xhieda tiegħu: "*Ma qallix li kienu jiehdu mill-istess droga*".[8]

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) kif dedotta ma tirriżultax ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi. L-imputat qiegħed għalhekk jinstab ħati biss tal-pussess 'sempliċi' tal-istess droga.

Permezz tal-imputazzjoni (b), l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reċidiva. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' żewġ sentenzi, waħda minnhom ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke tat-12 ta' Ġunju 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Alexander Paul Miruzzi) vs Pierre Cutajar'.[9] Jirriżulta minn din is-sentenza illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat odjern u għalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-istess imputat. Jirriżulta wkoll minn din is-sentenza illi l-imputat instab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u ġie kkundannat għall-piena ta' multa. Mill-atti ma jirriżultax illi l-imputat kien skonta tali piena sad-data li għaliha tirreferi l-imputazzjoni odjerna; anzi mill-fedina penali aġġornata tiegħu jirriżulta illi huwa ħallas tali multa fit-30 ta' Marzu 2009 u għalhekk wara l-każ odjern. Permezz tat-tieni sentenza, imbagħad, ukoll mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli tas-17 ta' Ottubru 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Pierre Cutajar'[10], l-imputat odjern instab ħati ta' reat kontravvenzjonali u ġie kkundannat għall-piena ta' ammenda. Għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati ta' dan l-addebitu fit-termini biss tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

[8] A fol. 11 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 17 u 18 tal-proċess.
[10] Din tinsab esebita a fol. 15 u 16 tal-proċess.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Diċembru 2017, mil-liema fedina penali jirriżulta illi l-imputat ġie kkundannat dwar reati kontravvenzjonali, li żamm strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, serq aggravat, kompliċita` f'serq aggravat, *furto d'uso*, reat kontra l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, reati kontravvenzjonali konnessi mat-tmexxija ta' ħanut, ġurament falz, ħolqien qarrieqi ta' provi foloz, reat taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dikjarazzjoni falza u/jew użu ta' dokument falz, b'dan ukoll illi l-iżjed reati riċenti jirrisalu għas-sena 2011. Dwar dawn l-imputat ġie kkundannat għal pieni pekunjarji u sentenza ta' priġunerija sospiża u in oltre ingħata Ordni ta' *Probation* u liberazzjoni kundizzjonata.

Tqis ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat odjern u li għalkemm il-każ jirrisali għas-sena 2009, parti mid-dewmien kien attribwibbli lill-imputat stess. Tqis ukoll illi jidher illi l-imputat ma baqax juża d-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra tiegħu, iżda qed issibu ħati biss tar-reat ta' pussess 'sempliċi' tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* u qed issibu ħati wkoll tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah għall-piena ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mija, sitta u ħamsin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€156.88). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti esebiti bħala Dokument VA3 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taht il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema

dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bħala Dok. VA2 favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat